MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa' Leġislatura

Seduta Numru 09.34, il-Ġimgħa, 2 ta' Ottubru, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' b' urġenza għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 34 tad-Disa' Leġislatura, nhar il-Ġimgħa 2 t' Ottubru, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret '*live*' permezz tas-sistema tal-'*online streaming*' kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'*Video On Demand*' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

PREŻENTI	Paul Vella	Sindku
	Wistin Vella	Viċi sindku
	Owen Galea	Kunsillier
	Cyprian Dalli	Segretarju Eżekuttiv
PREŻENTI B' MOD VIRTWALI	Ħadd	
ASSENTI B' APOLOĠIJA	Odette Muscat	Kunsilliera
	Charles Said	Kunsillier
ASSENTI	Ħadd	
MEMBRI TAL-PUBBLIKU	Ħadd	

----- MINUTI -----

Preamboli u Aġenda

i. Il-laqgħa bdiet fil-5:43pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

34.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.02 Approvazzjoni tar-Rapporti tal-Evalwazzjoni tas-Sejħiet tal-Offerti

34.03 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

34.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

34.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva noti ta' apoloġija mingħand il-Kunsilliera Odette Muscat u Charles Said, li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

34.01.02 Il-Kunsill laqa' iż-żewġ talbiet u għalhekk iż-żewġ Kunsillieri ser jitniżżlu bħala assenti b' apoloġija għal din il-laqgħa.

34.02 Approvazzjoni tar-Rapporti tal-Evalwazzjoni tas-Sejħiet tal-Offerti

34.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet rapport ta' Evalwazzjoni għas-sejħiet tal-offerti riċenti li kellu l-Kunsill. Dawn kienu:

i. MGR 01/2026 : SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF BL-UŻU TA' VETTURI B'EMISSJONIJIET BAXXI GĦALL-KUNSILL LOKALI TA' L-IMĠARR : Il-bord tal-Evalwazzjoni ta' din is-sejħa kien qed jirrakomanda li tintlaqa' l-offerta ta' Cleaven Fenech peress li kien l-uniku offerent u kien kompatibbli mat-talba u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fis-sejħa. L-offerta kienet tammonta għall-€19,200.00 mingħajr VAT fis-sena. Il-Kunsill ra li dan kien skont il-budget tal-Kunsill, u għaldaqstant aċċetta ir-rakkomondazzjoni tal-Bord u laqa l-offerta ta' Cleaven Fenech.

ii. *MGR 03/2026 : XOGĦOL TA' KOSTRUZZJONI F' SIT RURAL GĦAL PARK TA' MISTRIEĦ F' TA' DARRENZI, L-IMĠARR :* Il-bord tal-Evalwazzjoni ta' din is-sejħa kien qed jirrakomanda li tintlaqa' l-offerta ta' Coreworks Ltd peress li kien l-uniku offerent u kien kompatibbli mat-talba u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fis-sejħa. L-offerta kienet tammonta għall-€158,508.77 mingħajr VAT għall-proġett kollu. Il-Kunsill ra li dan kien skont il-budget tal-Kunsill, u għaldaqstant aċċetta ir-rakkomondazzjoni tal-Bord u laqa l-offerta ta' Coreworks Ltd.

iii. *MGR 04/2026 : SERVIZZ TA' MANUTENZJONI, TINDIF, TNAQQIJA U TISQIJA TA' POSTIJIET PUBBLIĊI U SOFT-AREAS U QTUGĦ TA' ĦAXIX FIT-TOROQ RURALI FL-IMĠARR, B'METODI FAVUR L-AMBJENT:* Il-bord tal-Evalwazzjoni ta' din is-sejħa kien qed jirrakomanda li tintlaqa' l-offerta ta' Cleaven Fenech peress li kien l-irżas offerent minn ħamsa u kien kompatibbli mat-talba u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fis-sejħa. L-offerta kienet tammonta għall-€81,356.00 mingħajr VAT tul il-kuntratt ta' 4 snin. Il-Kunsill ra li dan kien skont il-budget tal-Kunsill, u għaldaqstant aċċetta ir-rakkomondazzjoni tal-Bord u laqa l-offerta ta' Cleaven Fenech.

34.03 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

34.03.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie ikkonfermat li l-laqgħat ta' wara ssir it-Tnejn 26 ta' Ottubru, it-Tnejn 16 ta' Novembru u it-Tnejn 14 ta' Diċembru, dejjem fil-5:30pm, kif kien maqbul fil-laqgħa ta' qabel.

34.03.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fil-5:50pm.

Paul Vella **Cyprian Dalli**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, _____ , _____ tax-xahar ta' _____,tas-sena _____ .